**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 1999**

**Rikors Nru: 27B/97**

**Giuseppi Caruana**

**vs**

**Maria Antonia Sciberras**

Il-Bord,

Ra ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremetta illi hu jqabbel lill-intimati zewg porzjonijiet mill-ghalqa "Tal-Matta" fl-Imqabba u li huma mmarkati numru 4 u 5 fil-pjanta Dok. "A" versu l-qbiela ta' Lira Maltija (Lm1) fis-sena jithallas b'lura kull 15 ta' Awissu - l-ewwel skadenza 15 ta' Awissu 1998. Illi huwa ghandu bzonn l-istess porzjonijiet ghal kostruzzjoni fuqhom ta' bini; Talab prevja il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimati jekk dawn ghandhom dritt ghalih skond il-ligi u tawtorizza li l-esponent jirriprendi l-pussess tar-raba fuq imsemmi.

Ra l-annessa pjanta immarkata Dok. A specifikament il-porzjonijiet immarkati bin-numri 4 u 5.

Ra li avolja debitament u skond il-ligi notifikata l-intimata qatt ma dehret quddiem dan il-Bord u bl-ebda mod ma ikkontestat dak li hu premess u mitlub fir-rikors in ezami.

Ra id-digriet tal-15 ta' Jannar 1998 li permezz tieghu gew nominati l-esperti teknici.

Sema' x-xhieda tal-istess rikorrenti.

Ra il-permess ta' bini anness mal-atti.

Ra ukoll ir-relazzjoni sottomessa mill-esperti teknici nominati.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti stess kif ukoll mid-dokumenti esebiti in atti hawn fuq imsemmija jidher car u evidenti li dak li hu mitlub mir-rikorrenti fir-rikors in ezami ghandu jigi akkolt tenut kont ukoll tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimata.

Illi in rigward kumpens dovut mill-imsemmija relazzjoni sottomessa jidher li dan ghandu jigi likwidat fl-ammont ta' Lm160.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jirriprendi u jiehu lura il-pussess taz-zewg porzjonijiet mill-ghalqa "Tal-Matta" fl-Imqabba u li huma immarkati bin-numru erbgha (4) u hamsa (5) fl-anness pjanta immarkata Dok.A u dan sal-15 ta' Awissu 1999.

Kif ukoll jillikwida l-ammont ta' kumpens dovut mir-rikorrenti lill-intimata fis-somma ta' Lm160.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat